**QORI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Ottubru 2020**

**Kawza Nru. 3**
**Rikors Nru. 7/2020 JZM**

**Edwin Zammit**

***kontra***

**X**

***u***

**b`digriet tat-22 ta` Settembru 2020 il-qorti *ex officio* ordnat il-kjamata fil-kawza tar-Registratur tal-Kumpanniji**

***u***

**tal-istralcjarju George Spiteri**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li kien prezentat fit-2 ta` Marzu 2020 li jaqra :–

*Illi l-kumpanija GoodLook Marble Works Limited (C 17241) giet stralcjata u struck off kif jirrizulta mid-dokument tal-likwidatur George Spiteri hawn anness u mmarkat Dok "A".*

*Illi l-likwidazzjoni saret permezz ta` voluntary liquidation.*

*Illi ghandu jirrizulta illi bi zball thalliet barra proprjeta` unika tal-kumpanija li hija binja zghira gewwa Plot 103 Bone Street, Imriehel.*

*Ta` min isemmi illi din il-binja kienet ghal hafna zmien vojta.*

*Illi skont l-anness Memorandum and Articles of Association immarkat Dok "B" l-esponent Edwin Zammit huwa l-azzjonista kwazi uniku u d-direttur u ghalhekk ghandu interess li jerga` jirravviva l-kumpanija.*

*Illit abbazi tal-artiklu 300(A) tal-Companies Act l-esponent qieghed jitlob lid in l-Onorabbli Qorti tordna r-rettifikazzjoni tal-istralc b`hekk l-Qorti tkun tista` tordna r-rettifikazzjoni u l-esponent umilment jitlob sabiex tinfetah il-likwidazzjoni.*

*Ghaldaqstant l-esponenti abbazi ta` dan l-artiklu 300(A) qieghed umilment jitlob li din il-kumpanija terga` tigi riattivata u titpogga bhala kumpanija attiva mal-MFSA sabiex tkun tista` tikkumercja.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezenta r-Registratur tal-Kumpanniji fis-27 ta` Lulju 2020 u li taqra hekk :-

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali ta` din il-kawza l-intimat jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju abli ta` dina l-Onorabbli Qorti;*

*Illi l-esponent ihoss li l-uniku interess tieghu f` din il-kawza kellhu jikkoncerna dak li ghandu x` jaqsam mal-operat tieghu bhala registratur kif mitlub minnu mill-Att dwar il-Kumpanniji, 1995 partikolarment fejn jikkoncerna r-registrazzjoni ta` dokumenti illi ghandhom jigu notifikati lilu skont xi wahda mid-dispozzizjonijiet tal-istess Att;*

*Illi ghaldaqstant wara illi r-registratur ircieva d-dokumentazzjoni mibghuta lilu ghax-xoljiment u ghal kancellament tal-kumpannija Good Look Marble Limited (C17241), wara li kkonferma illi huma konformi mal-ligi, huwa mexa sabiex irregistrahom skont l-Artikolu 401 tal-Att dwar il-Kumpanniji;*

*Illi ghalhekk wara illi irregistra d-dokumentazzjoni mibghuta mill-istralcjarju l-esponent pproceda sabiex, fil-20 ta` Frar 2017, jippubblika l-avviz illi l-kancellament tal-kumpannija kellu jigi fis-sehh f`gheluq tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviz imsemmi;*

*Illi minkejja tali publikazzjoni hadd ma ghamel xi tip ta` oggezzjoni ghat-thassir tal-isem tas-socjeta` in kwistjoni matul it-tliet xhur fuq imsemmija;*

*Illi, ta` min jinnota, illi l-imsemmija socjeta` giet mhassra voluntarjament wara li giet xolta fil-31 t`Awwissu 2015 u kancellata minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji fuq procedura mibdija mir-rikkorenti stess;*

*Illi wara l-kancellament, ir-rikkorenti fir-rikors promotur qallu li ndunaw illi imobbli tal-kumpannija in kwistjoni ma giex meqjusa mill-istralcjarju waqt l-process ta` stralc;*

*Illi fil-proceduri odjerni r-rikkorenti qeghdin jitolbu illi l-isem tal-kumpannija jigi temporanjament imqieghed mill-gdid fuq ir-registru tal-kumpaniji sabiex l-istralc jerga\` jinfetah mill-gdid u konsegwentement tkun tista\` tigi rrettifikata l-iskema ta\` distribuzzjoni tal-kumpannija billi jittiehdu in konsiderazzjoni l-assi li thallew barra mill-istralcjarju tal-kumpannija;*

*Illi l-Artikolu 300A jipprovdi illi meta fil-kors tal-istralc ta\` kumpannija ma jkunx gie ikkalkolat xi assi tal-kumpannija u l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru kull persuna illi fil-fehma tal-Qorti ghandha interess, tista\` permezz ta\` rikors titlob il-Qorti sabiex tordna r-rettifika tal-iskema ta\` distrbuzzjoni taht dawk id-direttivi u kondizzjonijiet illi jidrilha li huma xierqa u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz illi jkollha quddiemha;*

*Illi bl-ebda mod illi tali Artikolu 300A ma jikkontempla illi l-isem tal-kumpannnija jerga' jitqieghed fuq ir-registru izda tikkontempla biss illi tigi rettifikata l-iskema tad-distribuzzjoni sabiex jigi mehuda in konsiderazzjoni l-assi li thallew barra;*

*Illi kif dejjem sostniet dina l-Onorabbli Qorti tali artikolu ghandu jitqies bhala wiehed straordinarju u ghalhekk l-esponent umilment jissolleva illi tali rimedju ma ghandux jinghata sabiex jinstab rimedju billi tali procedura zgur ma kinetx intenzjonata semplicement sabiex tirrimedja ghal zbalji, traskuragni jew negligenza illi tithalla issir fil-konduzzjoni tal-procedura ta\` stralc u kancellament ta\` isem ta\` kumpannija;*

*Illi f kaz ta\` stralc volontarju, l-obbligi u responsabbilitajiet legali tal-istralcjarju huma iktar onoruzi. Ghaldaqstant l-istralcjarju jrid jassigura ruhu illi l-affarijiet gew verament iffinalizzati u li jiddetermina illi l-assi kollha tal-kumpannija partikolarment dawk immobli jkunu verament ghaddew f\`idejn l-azzjonisti tal-kumpannija, qabel ma jghaddi ghas-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni finali;*

*Illi l-esponent, bla pregudizju ghas-suespost, ihoss illi kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dan r-rimedju eccezzjonali, ghandhom jigu stabbiliti b\` mod car l-iskop u l-perjodu*

*kif ukoll jinghataw direttivi u l-kondizzjonijiet kollha li hemm bzonn f` dan il-kaz u dan sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bzonn;*

*Illi l-intimat Registratur m` ghandux jinzamm responsabbli ghall-ebda spejjez gudizzjarji konnessi ma` dan il-kaz ghaliex huwa mexa b` mod korrett u skont kif titlob minnu l-ligi.*

Rat il-verbali tal-udjenzi tat-22 ta` Settembru 2020 u tal-15 ta` Ottubru 2020.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent u tal-istralcjarju George Spiteri fl-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2020.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra.

## II. <u>Provi</u>

Abbazi tax-xiehda, u tad-dokumenti li kienu prezentati bhala prova, johrog dan il-kwadru ta` fatti :-

Fid-29 ta` April 1992, bis-sahha ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien (fol 39 et seq), ir-rikorrent de proprio xtara u akkwista minghand Joseph Mifsud :

*a portion of land forming part of the lands known as "Ta` Sqaq il-Ghadam" in the district of Mriehel, limits of Qormi, shown marked in red and as plot four (4), on the attached plan "A" having an area of approximately one hundred and sixty square metres (166 m2) that is to say twenty one feet (21 ft) frontage and eighty five feet (85 ft) depth, but all the amount of depth over 85 feet shall also be purchaser`s property, bounded on the East by a new unnamed street, North by property of the vendor and South by property of Licari Estates Limited or its successors in title, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances.*

Good Look Marble Works Limited (C17241) ("**il-kumpannija**") kienet kumpannija registrata skont id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar is-Socjetajiet Kummercjali – Kap 168.

In segwitu, ir-rikorrent de proprio kkonceda b`titolu ta` enfitewsi perpetwa [ara n-nota tal-insinwa 6980/1995 datata 8 ta` Mejju 1995 prezentata min-Nutar Dottor Robert J. Muscat a fol 45] lill-kumpannija workshop tal-irham bla numru ("**il-fond**") li kien inbena fuq il-porzjoni ta` art li l-istess rikorrent kien xtara u akkwista bis-sahha tal-kuntratt tad-29 ta` April 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien (op. cit.)

Il-fond huwa l-istess wiehed li jifforma l-mertu ta` din il-kawza.

Wara li gie fis-sehh l-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji – Kap 386, il-kumpannija ghazlet li tkun konformi mal-Kap 386, li ha post il-Kap 168 (fol 3). Fil-fatt il-kumpannija kienet registrata fir-Registru tal-Kumpanniji fil-5 ta` Jannar 1998 (fol 4 sa 6).

L-azzjonisti tal-kumpannija kienu r-rikorrent Edwin Zammit (499 Ordinary Shares) u Carmen Zammit (1 Ordinary Share). Ir-rikorrent kien l-uniku direttur, u kellu r-rapprezentanza legali u gudizzjali tal-kumpannija, mentri Carmen Zammit kienet is-segretarju.

Il-kumpannija kienet xjolta volontarjament u George Spiteri ("**l-istralcjarju**") kien mahtur bhala stralcjarju.

Fid-deposizzjoni tieghu, ir-rikorrent xehed illi huwa kellu l-awdituri tieghu u halla l-istralc f`idejhom. Fil-fatt George Spiteri kien rakkomandat mill-awdituri sabiex ikun l-istralcjarju. Sahaq li l-awdituri li kien ilhom snin jaghtuh servizz u kienu jafu tajjeb il-qaghda patrimonjali u finanzjarja tal-kumpannija.

Anke George Spiteri kkonferma fix-xiehda tieghu li l-inkariku tieghu bhala stralcjarju gie mill-awdituri tal-kumpannija.

Fid-deposizzjoni tieghu, George Spiteri fisser kif mexxa l-istralc u kif kkonkluda l-*liquidation accounts* u l-iskema ta` distribuzzjoni (fol 27 et seq) li taghhom ipprezenta kopja.

Meta mistoqsi **specifikament** mill-qorti ghala l-fond mertu ta` din il-kawza ma jirrizulta mkien fid-dokumenti a fol 27 et seq, George Spiteri fisser illi fil-fatt il-fond **ghalkemm ma kienx indikat jew identifikat** jirrizulta nserit fil-*liquidation accounts* bhala *non-current asset – investment property* – b`valur ta` €400,000. Wara li thallas kull ma kien dovut mill-kumpannija, il-valur nett kien rifless fl-iskema ta` distribuzzjoni u mar favur ir-rikorrent.

Wara li ntemm l-istralc, l-istralcjarju ghadda d-dokumenti lir-Registratur tal-Kumpanniji ("**ir-Registratur**") sabiex l-isem tal-kumpannija jkun jista` jithassar mir-registru. Id-dokumenti kienu accettati mir-Registratur. Fl-20 ta` Frar 2017 (ara r-risposta tar-Registratur) ir-Registratur ippubblika l-avviz tat-thassir tal-isem tal-kumpannija skont il-ligi. Billi hadd ma talab li l-isem ma jkunx imhassar fit-terminu legali ta` tliet xhur, l-isem thassar mir-registru fl-20 ta` Mejju 2017.

In segwitu ir-rikorrent xehed li huwa ghamel konvenju ma` terzi sabiex ibiegh il-fond. Meta saru r-ricerki rrizulta li l-fond kien registrat fuq il-kumpannija, u billi l-kumpannija kienet thassret mir-registru, u billi fir-Registru Pubbliku ma kienx jirrizulta li l-fond kien sar tar-rikorrent, il-kuntratt ma setax isir.

Ghalhekk saret din il-kawza.

## III. L-Art. 300A tal-Kap. 386

Ir-rikorrent sejjes il-kawzali u t-talbiet abbazi tal-Art. 300A tal-Kap. 386 li jaqra hekk :-

*(1) Meta fil-kors tal-istralc ta` kumpannija l-istralcjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpannija, u l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, kull persuna interessata tista` b`rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni, u l-*

*Qorti tista`, meta jidhrilha xieraq, tordna dik ir-rettifika taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.*

*(2) Meta kumpannija tkun ghamlet distribuzzjoni lill-azzjonisti taghha skond skema ta` distribuzzjoni u l-isem ta` dik il-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, kull kreditur li l-pretensjoni tieghu kontra l-kumpannija ma tkunx giet sodisfatta jista`, b`rikors, jaghmel talba ghal dak li hu dovut lilu minghand l-azzjonisti tal-kumpannija pro rata ghall-ammont li jkun ricevut mill-azzjonisti mad-distribuzzjoni, u l-Qorti tista`, meta tikkunsidra hekk xieraq, tordna li jsiru hlasijiet mill-azzjonisti lil dak il-kreditur taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa :*

*Izda f`ebda kaz ma ghandu azzjonist ikun mehtieg li jikkontribwixxi ghal ammont li jkun izjed minn dak ricevut minnu mad-distribuzzjoni.*

*(3) Ma jista` jsir ebda rikors taht dan l-artikolu wara li jghaddu hames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpannija jkun thassar mir-registru.*

## IV. ***Locus standi***

Ir-rikorrent jikkwalifika bhala ***persuna interessata*** ghall-fini tas-subartikolu (1) billi rrizulta li kien direttur manigerjali u azzjonista tal-kumpannija.

## V. **Gurisprudenza**

Fis-sentenza li tat il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta` Jannar 2006 fil-kawza fl-ismijiet **"Cassar Pullicino noe vs Ir-Registratur tas-Socjetajiet et"** inghad hekk -

*... irid jigi assikurat li l-kaz ikun wiehed genwin sabiex ma jkunx hemm lok ghal abbuz jew ghal kolluzjoni bejn il-partijiet interessati. Azzjonisti ghandhom kemm ghandhom ishma ta` socjeta` m`ghandhomx jipprocedu ghal-likwidazzjoni u thassir ta` kumpannija b`leggerezza forsi anke bl-idea li jekk `il quddiem tinqala` l-htiega l-kumpannija tigi ravvivata. F`kaz ta` agir manifestament traskurat jew f`kaz ta` nuqqas ta` serjeta` da parti tal-azzjonisti, il-Qorti m`ghandhiex tkun hemm biex taghti rimedju ghan-nuqqasijiet ta` min kellu jagixxi mod iehor – salv dejjem f`kazijiet ta` pregudizzju ghal terzi. Sakemm ma hemmx pregudizzju ghal terzi, darba kumpannija tigi mhassra minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji iridu jirrizultaw cirkostanzi genwini u eccezzjonali u mhux rizultat ta` semplici negligenza da parti tal-azzjonisti qabel ma kumpannija tigi ravvivata. Il-Qorti taqbel li r-rimedju m`ghandux jitqies bhala wiehed li jfejjaq kwalunkwe manifestazzjoni ta` traskuragni jew negligenza kommessi matul l-istralc ta` socjetajiet kummercjali.*

Tirreferi **<u>wkoll</u>** ghal dawn is-sentenzi fost ohrajn :-

- **<u>Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc)</u>** :

  29 ta` Settembru 2020 :-
  Mario Borg vs Ir-Registratur tal-Kumpanniji

  30 ta` Gunju 2020 :-
  Mazzacano D`Amato et vs Ir-Registratur tal-Kumpanniji et

  30 ta` April 2020 :-
  Joseph Caruana vs Saviour Ferrito et

  16 ta` Dicembru 2019 :-
  Xuereb et vs Registratur tal-Kumpanniji et

  28 ta` Marzu 2019 :-
  Gauci Maistre noe vs Ir-Registratur tal-Kumpanniji et

- **<u>Prim`Awla tal-Qorti Civili</u>** :-

  26 ta` Gunju 2018 :-
  Micallef vs Borg et

  30 ta` Marzu 2017 :-
  Hal Mann Construction Limited et vs Ir-Registratur tal-Kumpanniji

  31 ta` Jannar 2017 :-
  Borg Barthet vs Ir-Registratur tal-Kumpanniji

## VI. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Kif tajjeb irrileva r-Registratur fir-risposta, din il-qorti taccetta li l-procedura skont l-Art 300A tal-Kap 386 hija ta` natura straordinarja u fil-fehma taghha hekk ghandha tibqa` titqies.

It-talbiet li jitressqu fl-ambitu ta` procedura ta` din ix-xorta m`ghandhomx jigu trattati *as a matter of course* izda ghandhom jitqiesu ghar-ragunijiet ghal kollox eccezzjonali li jsawwru dawk it-talbiet. Dan qieghed jinghad ghaliex il-procediment odjern mhuwiex intiz li jkun *a rubber stamp procedure* fis-sens illi jservi semplicement sabiex isewwi zbalji jew nuqqasijiet li jkunu twettqu fil-konduzzjoni tal-istralc ta` kumpannija.

Premessa din il-linea ta` principju fl-interpretazzjoni tad-dritt, il-qorti jidhrilha gust u xieraq li tosserva li mir-risposta tar-Registratur tal-Kumpanniji jidher evidenti li ghalkemm kien ferm fuq ir-*raison d`etre* tad-disposizzjoni, fl-istess waqt ma hax posizzjoni pregudizzjalment opposta ghat-talbiet tar-rikorrent tant li ghar-rigward tal-apprezzament tal-provi rrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-qorti.

Il-qorti hasbet fit-tul dwar il-fatti u tac-cirkostanzi ta` dan il-kaz.

Ghalkemm tirrikonoxxi li ghandha zzomm fil-mira taghha l-iskop ghaliex sar l-Art. 300A tal-Kap. 386, fl-istess waqt huwa krucjali li zzomm bilanc sabiex tintlahaq il-finalita` ta` dak li l-legislatur ried jikseb b`dik id-disposizzjoni. Certament ma kienx il-hsieb tal-legislatur li jmur ghal *lettera morta* izda fassal disposizzjoni ntiza sabiex taghti rimedju effettiv fejn ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz hekk ikunu jirrikjedu anke fuq bazi ta` gustizzja fil-milja taghha.

Il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet.

Taccetta li hemm *accounting practices*, accettati u applikati fuq bazi internazzjonali, kif ghandhom isiru l-*liquidation accounts*, u kif issir *scheme of distribution.*

Fl-istess waqt tghid illi dan tal-lum huwa kaz fejn jehtieg li jkun hemm kjariment, *occorrendo* legislattiv, li jqarreb il-principji tal-kontabilita` mal-accertament tal-jedd tal-propjeta`.

Il-qorti tistqarr illi ma tarax ghaliex fl-iskema ta` distribuzzjoni ma kellux jinghad <u>kjarament</u> li l-fond (li ghaliex huwa *asset* inghata valur bhala *investment property*) kien qieghed jigi assenjat lir-rikorrent.

Punt iehor importanti huwa li anke li kieku fil-kaz tal-lum l-fond kien jirrizulta kjarament fl-iskema ta` distribuzzjoni dak il-fatt wahdu ma kienx ser jittraduci ruhu f`registrazzjoni awtomatika tal-fond fuq ir-rikorrent fir-Registru Pubbliku ghar-raguni li skont il-ligijiet vigenti kull trasferiment ta` mmobbli sabiex ikun registrat irid isir permezz ta` att pubbliku.

Dan ifisser illi abbazi tal-istat tad-dritt kif inhuwa llum, fejn si tratta ta` trasferiment ta` mmobbli lill-azzjonisti, wara li tkun approvata l-iskema ta` distribuzzjoni, u qabel l-istralcarju jghaddi l-inkartament lir-Registratur sabiex fl-ahhar tal-process ta` verifika jsir

it-thassir tal-isem, ikun irid isir att pubbliku mill-istralcjarju favur l-azzjonista li favur tieghu jkun se jsir it-trasferiment li mbaghad jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Jekk dan ma jsirx, allura l-immobbli jibqa` mhux registrat u jkollha ssir kawza bhal dik odjerna sabiex tinghata sentenza, anke tenut kont li li dak li jghid l-Art. 239 tal-Kap. 12.

Li persuna tmur il-qorti ghandu jkun *the last resort.* Ir-rwol tal-qrati fis-sistema guridiku nostran huwa li jinterpretaw u japplikaw il-ligi mhux li jaghmlu *judge made law* ghaliex is-sistema taghna mhijiex dik tal-*common law* izda tal-*statute law.* Il-qrati ghandhom johorgu mir-rwol interpretattiv u applikattiv tal-ligi u jestendu `l hinn il-hidma taghhom biss fejn jirrizulta vojt legislattiv, fil-kazi fejn dak il-vjot ikun sejjer johloq ingustizzja, jew ihalli persuni bla rimedju.

Fil-kaz tal-lum, il-Qorti hija sodisfatta mill-*bona fides* kemm tar-rikorrent kif ukoll tal-istralcjarju li xehdu quddiemha, izda tara li hemm bzonn ta` intervent legislattiv li jiccara s-sitwazzjoni attwali sabiex b`hekk tkun evitata mhux biss molteplicita` ta` kawzi izda r-riskju ta` proliferazzjoni ta` kazi li jkunu mtebba` b`*mala fides* (anke ghal ragunijiet fiskali) li pero`mhux dejjem ikunu facilment determinabbli. Barra minn hekk, anke ghall-mod kif svolga dan il-kaz partikolari, il-qorti hija tal-fehma li wasal iz-zmien ghal ripensament mill-awtoritajiet kompetenti tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 386 li jirregolaw il-procedura tax-xoljiment u stralc volontarju.

Tenut kont tal-assjem ta` fatti u cirkostanzi, il-Qorti sejra tqis favorevolment it-talba tar-rikorrent bil-mod u manjiera kif ser jinghad. Ghar-rigward tal-kap tal-ispejjez, il-Qorti jidhrilha li dawn ghandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**1. Tordna li l-isem tal-kumpannija Good Look Marble Works Limited (C17241) jerga` jitqieghed fuq ir-registru tal-kumpanniji ghal zmien perentorju ta` sitt xhur mil-lum.**

**2. Tordna r-rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni tal-kumpannija Good Look Marble Works Limited (C17241) sabiex tkun tinkludi l-fond fuq riferit u deskritt.**

**3. Tappunta mill-gdid lill-kjamat fil-kawza George Spiteri bhala stralcjarju sabiex jiehu hsieb ir-rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni kif fuq inghad.**

**4. Tordna li l-procedura tar-rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni tal-kumpannija Good Look Marble Works Limited (C17241) ghandha titwettaq sa zmien perentorju ta` sitt (6) xhur mil-lum.**

**5. Tappunta lin-Nutar Pubbliku ta` Malta Dottor Robert J. Muscat sabiex matul dan iz-zmien ta` sitt (6) xhur mil-lum jippubblika l-att pubbliku li permezz tieghu l-fond fuq riferit jigi trasferit mill-kumpannija Good Look Marble Works Limited (C17241) favur ir-rikorrent.**

**6. Tordna lill-kjamat fil-kawza Registratur tal-Kumpanniji sabiex mal-gheluq ta` sitt xhur mil-lum ihassar l-isem kumpannija Good Look Marble Works Limited (C17241) mir-registru tal-kumpanniji ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**7. Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, kif ukoll kull spiza ohra li tkun mehtiega ghall-ezekuzzjoni ta` din is-sentenza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**